

Brussell, 3 ta' Ġunju 2022
(OR. fr, en)

9517/1/22
REV 1

RECH 304
COMPET 404

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9162/22
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar il-missjonijiet Ewropej <i>Approvazzjoni</i>

I. INTRODUEZZJONI

1. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-missjonijiet Ewropej tħejjew bil-ħsieb tal-Kunsill Kompetittività skedat għall-10 ta' Ġunju 2022. Il-Presidenza pproponiet dan l-abbozz ta' konklużjonijiet, b'kont meħud tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Settembru 2021, li identifika ħames missjonijiet Ewropej fl-oqsma li ġejjin, kif stabbilit fir-Regolament li jstabbilixxi l-programm Orizzont Ewropa¹: l-adattament għat-tibdil fil-klima; il-kanċer; oċeani, ibħra, ilmijiet kostali u interni f'saħħithom; bliet newtrali għall-klima u intelliġenti; is-saħħa tal-ħamrija u tal-ikel.

¹ ĠU L 170/1, 12.05.2021.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

2. Sabiex tidħol aktar fil-fond fl-aspetti ewlenin relatati mal-missjonijiet Ewropej, b'mod partikolari l-qafas kunċettwali, il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u governanza, l-involviment taċ-ċittadini u l-monitoraġġ, ir-rieżami u l-evalwazzjoni tal-missjonijiet Ewropej, il-Presidenza organizzat diversi dibattiti fil-Grupp ta' Hídma dwar ir-Riċerka bil-parteċipazzjoni ta' esperti esterni.
3. It-test li jinsab fl-Anness għal din in-nota jirriproduċi t-test li jinsab fl-Anness għad-dokument 9162/22, kif ikkonfermat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-25 ta' Mejju 2022. Il-Kumitat iddeċieda li jibgħat dan l-abbozz ta' konklużjonijiet lill-Kunsill Kompetittività għall-approvazzjoni fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2022.
4. Id-delegazzjoni Pollakka esprimiet l-intenzjoni tagħha li tinkludi dikjarazzjoni fil-minuti tal-Kunsill dwar l-interpretazzjoni ta' "ġeneru" fil-paragrafu 26 tat-test tal-konklużjonijiet dwar il-qafas tas-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-missjonijiet (dok. 9517/22 ADD1).

III. KONKLUŻJONI

5. Għaldaqstant, il-Kunsill (Kompetittività) huwa mistieden japprova l-konklużjonijiet kif jinsabu fl-Anness.

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-MISSJONIJIET
EWROPEJ**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- ir-Regolament (UE) 2021/695 li jistabbilixxi l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa u li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-partecipazzjoni², li jistabbilixxi b'mod partikolari l-karatteristiċi tal-missjonijiet Ewropej u jidentifika l-oqsma li fihom jistgħu jiġu stabbiliti l-missjonijiet;
- id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa³, li, fost l-oħrajn, tiddefinixxi r-rwol tal-bordijiet tal-missjonijiet;
- il-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2020⁴ dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-għdida, li jirreferu għall-prinċipju tad-direzzjonalità, il-governanza f'diversi livelli u l-involvement taċ-ċittadini sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I);
- il-konklużjonijiet tiegħu ta' Settembru 2021⁵ dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni — L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel, li jenfasizzaw il-ħtieġa li jissaħħu s-sħubijiet u l-alleanzi multilaterali eżistenti tar-R&I;
- ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa⁶, li jistabbilixxi l-oqsma ta' prijorità għal azzjoni konġunta fl-UE, inkluż l-indirizzar konġunt tal-isfidi tat-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, u ż-żieda fil-parteċipazzjoni tas-soċjetà fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka;

² ĠU L 170/1, 12.5.2021

³ ĠU LI 167/1, 12.5.2021

⁴ 13567/20

⁵ 12301/21

⁶ ĠU L 431, 2.12.2021

- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew⁷ u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta' Lulju 2021 dwar il-pakkett Lesti għall-Mira ta' 55 %: Nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Neutralità Klimatika⁸;
- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta' Settembru 2021 dwar il-Missjonijiet Ewropej⁹, li tidentifika ħames missjonijiet Ewropej;
- l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, adottata fl-2015, li sservi bħala sors għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-missjonijiet Ewropej;

I. Tmexxija tar-R&I Ewropea biex jiġu appoġġati politiki pubbliċi li jirrispondu aħjar għall-isfidi tas-soċjetà

1. JENFASIZZA li l-karatteristiċi ewlenin ta' approċċ orjentat lejn il-missjonijiet huma:
 - approċċ kollaborattiv, tranżnazzjonali, inklużiv, multidixxiplinari u transsettorjali biex jiġu indirizzati sfidi tas-soċjetà kumplessi permezz tal-iżvilupp ta' approċċ sistemiku u koordinat tul il-katina tal-valur kollha fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u dak lokali permezz ta' atturi rilevanti, politiki pubbliċi, inizjattivi privati u strumenti u programmi ta' finanzjament f'perjodu ta' żmien stabbilit u b'għanijiet li jistgħu jitkejlu;
 - l-element ta' direzzjonalità, li għandu l-għan li jiggwida u jagħti prijorità b'mod strateġiku lir-R&I u investimenti settorjali oħra fil-livell Ewropew, nazzjonali u dak reġjonali bħala parti minn proċess ta' koordinazzjoni strateġika bejn ir-R&I u oqsma ta' politika rilevanti oħra biex jinkiseb impatt fuq is-soċjetà u t-tfassil tal-politika permezz tax-xjenza u t-teknoloġija;
 - il-proċess ta' kodisinn, koimplimentazzjoni u komonitoraġġ mal-atturi pubbliċi, is-settur privat u s-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali;

⁷ COM(2019)640 final

⁸ COM(2021)550 final

⁹ COM(2021) 609 final

2. IFAKKAR li r-R&I hija l-bażi għall-missjonijiet Ewropej u li l-ilħuq tal-objettivi tagħhom jirrikjedi azzjonijiet fuq terminu qasir, medju u twil fil-politiki settorjali rilevanti kollha mill-atturi pubbliċi, mis-settur privat u mis-soċjetà ċivili, kif ukoll finanzjament adegwat; JISTIEDEN, b'mod partikolari, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplementaw politiki pubbliċi koerenti bbażati fuq avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi tal-ogħla livell fil-qafas tal-missjonijiet Ewropej, inkluż politiki li jstimulaw id-domanda, jipromwovu l-valorizzazzjoni tal-għarfien u jinkoraġġixxu bidla fl-imgħiba;
3. IFAKKAR li Orizzont Ewropa jiffinanzja biss l-attivitajiet tar-R&I, filwaqt li attivitajiet oħra huma ffinanzjati permezz ta' kull programm rilevanti f'politiki settorjali oħra, skont ir-regoli applikabbli tal-programmi rispettivi; IFAKKAR li l-Pjan Strateġiku taħt Orizzont Ewropa għandu l-għan li jipromwovi sinerġiji bejn Orizzont Ewropa u politiki u programmi rilevanti oħra tal-Unjoni;
4. JENFASIZZA l-importanza tal-infrastrutturi tar-riċerka fl-ilħuq tal-objettivi tal-missjonijiet Ewropej, b'mod partikolari permezz tal-kapaċitajiet ta' riċerka multidixxiplinari tagħhom, inkluż fix-xjenzi soċjali u umanistiċi; JENFASIZZA r-rwol ewlieni tagħhom fl-iżvilupp ta' teknoloġiji u metodoloġiji avvanzati u r-rabtiet tagħhom mas-settur tal-edukazzjoni u dak privat; JINNOTA l-importanza tal-Forum Strateġiku Ewropew dwar l-Infrastrutturi tar-Riċerka sabiex jiggwida l-iżvilupp strateġiku ta' dawn l-infrastrutturi u jrawwem il-kontribut tagħhom għall-implimentazzjoni tal-missjonijiet Ewropej; JISSOTTOLINJA li l-infrastrutturi tat-teknoloġija jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tal-missjonijiet Ewropej;
5. IQIS li l-isfidi tas-soċjetà koperti mill-missjonijiet Ewropej huma ta' natura globali; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż permezz ta' sinerġiji ma' inizjattivi internazzjonali orjentati lejn il-missjonijiet, fejn din tikkontribwixxi għall-objettivi tal-missjonijiet Ewropej, filwaqt li tiżgura r-rispett għall-prinċipji u l-valuri ewlenin tal-UE u l-protezzjoni tal-interessi tal-UE;

II. L-iżgurar ta' governanza effettiva tal-missjonijiet Ewropej

6. JENFASIZZA li s-suċċess tal-missjonijiet Ewropej jirrikjedi mudell effettiv ta' governanza f'diversi livelli bejn l-atturi rilevanti, il-politiki pubbliċi, l-inizjattivi privati u l-istrumenti u l-programmi ta' finanzjament; JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li l-mudell ta' governanza jitfassal skont kull waħda mill-missjonijiet Ewropej;
7. IQIS li governanza effettiva għandha tkun ibbażata fuq approċċ orizzontali u vertikali f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi; JIDDEFINIXXI l-governanza orizzontali bħala koordinazzjoni bejn l-atturi rilevanti, il-politiki pubbliċi, l-inizjattivi privati u l-istrumenti u l-programmi ta' finanzjament fl-istess livell amministrattiv, u l-governanza vertikali bħala koordinazzjoni bejn l-atturi rilevanti, il-politiki pubbliċi, l-inizjattivi privati u l-istrumenti u l-programmi ta' finanzjament f'diversi livelli: Ewropew, nazzjonali reġjonali u dak lokali;

A. Governanza orizzontali

8. IFAKKAR li s-suċċess tal-missjonijiet Ewropej huwa bbażat fuq sinerġiji effettivi bejn Orizzont Ewropa, inkluż is-Sħubijiet Ewropej tiegħu, u programmi rilevanti oħra tal-Unjoni sabiex jiġu żgurati programmazzjoni u kofinanzjament koerenti; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tistabbilixxi, u sussegwentement tibda topera l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiżgura azzjonijiet komplementari tal-programmi rilevanti kollha tal-UE kemm fil-livell ta' programmazzjoni tematika kif ukoll fil-livell ta' proġetti individwali; JIRRIKONOXXI l-isforz importanti li għamlet il-Kummissjoni biex twaqqaf korpi ta' koordinazzjoni bejn id-diversi dipartimenti tagħha biex tippromwovi dawn is-sinerġiji; JISSOTTOLINJA li l-governanza tal-missjonijiet Ewropej fi ħdan il-Kummissjoni għandha tirrifletti n-natura trasformattiva u sistemika tal-missjonijiet Ewropej; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tippreżenta mmappjar dettaljat tal-azzjonijiet li għandhom jittieħdu u l-finanzjament korrispondenti tagħhom magħmul disponibbli minn politiki, programmi u inizjattivi rilevanti oħra tal-Unjoni, sabiex jiġu żgurati programmazzjoni u implimentazzjoni tematiċi koerenti għal kull missjoni tal-UE; IHEĠĠEGĠ lill-Kummissjoni tiżgura aktar investimenti sostanzjali minn programmi rilevanti oħra tal-Unjoni li jkunu proporzjonati mal-investimenti ta' Orizzont Ewropa b'appoġġ għall-missjonijiet Ewropej;

9. JISTIEDEN lill-Istati Membri jqisu l-objettivi speċifiċi tal-missjonijiet Ewropej fil-programmazzjoni u l-politiki settorjali nazzjonali tagħhom kif ukoll fil-programmi tal-UE taħt ġestjoni deċentralizzata; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-miżuri u l-linji gwida amministrattivi meħtieġa biex tippromwovi sinerġiji mal-programmi tal-UE taħt ġestjoni deċentralizzata, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), kif ukoll il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Pjanijiet Strateġiċi Nazzjonali (NSPs) tal-Politika Agrikola Komuni (PAK); IFAKKAR l-importanza ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza bħala għodda ta' programmazzjoni utli biex tikkontribwixxi għall-objettivi tal-missjonijiet Ewropej;
10. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora l-għażla li tistabbilixxi skema ta' tikkettar għal sejħiet għal proposti mnedija minn programmi ta' finanzjament tal-Unjoni għajr Orizzont Ewropa sabiex, fost l-oħrajn, tiffaċilita l-kostruzzjoni ta' portafolli tal-missjonijiet, iżżid il-viżibbiltà tal-inizjattivi relatati u tiġbor ir-riżultati tagħhom, u b'hekk tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-missjonijiet Ewropej;
11. JINNOTA r-rwol strateġiku tal-bordijiet tal-missjonijiet fil-formulazzjoni ta' pariri matul it-tnejn u ċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet Ewropej; JISSUĠĠERIXXI li dan il-parir jitqies fil-livell politiku xieraq mill-Kummissjoni, minħabba n-natura transsettorjali tal-missjonijiet Ewropej; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tirrapporta fuq bażi regolari lill-konfigurazzjoni strateġika u tinforma lill-konfigurazzjonijiet tematiċi pertinenti tal-Kumitat tal-Programm ta' Orizzont Ewropa dwar ir-riżultati tal-ħidma mwettqa mill-bordijiet tal-missjonijiet; IFAKKAR l-importanza tal-għarfien espert dwar l-involviment taċ-ċittadini fil-bordijiet tal-missjonijiet;

12. JENFASIZZA li għandhom isiru wkoll sforzi ta' governanza orizzontali fil-livell tal-Istati Membri; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jistabbilixxu strutturi ta' governanza adegwati li jippermettu lill-atturi rilevanti, il-politiki pubbliċi, l-inizjattivi privati u l-istrumenti u l-programmi ta' finanzjament tagħhom biex jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-missjonijiet Ewropej; JIEĦU NOTA tal-karattru taċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet li jinvolvu atturi, politiki u strumenti speċifiċi rilevanti fi stadji differenti tal-proċess ta' governanza; Għalhekk, JENFASIZZA li ma hemm l-ebda mudell uniku ta' governanza u li l-Istati Membri huma liberi li jistabbilixxu arranġamenti ta' governanza f'konformità mal-istrutturi u l-ħtiġijiet tagħhom stess; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tippromwovi u tiffaċilita b'mod attiv l-iskambju ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri dwar mudelli ta' governanza xierqa għall-missjonijiet Ewropej;

B. Governanza vertikali

13. JIRRIKONOXXI li koordinazzjoni effettiva fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u dak lokali tat-teħid tad-deċiżjonijiet hija essenzjali għas-suċċess tal-missjonijiet Ewropej; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li dawn il-livelli jkunu impenjati kif xieraq; IFAKKAR l-importanza li jiġu involuti l-konfigurazzjoni strateġika u l-konfigurazzjonijiet tematiċi pertinenti tal-Kumitat tal-Programm ta' Orizzont Ewropa biex jitqiesu l-kuntest nazzjonali u l-opportunitajiet biex jittejjeb l-allinjament mal-attivitajiet tar-R&I mwettqa fil-livell nazzjonali;

14. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu analizzati r-rilevanza u l-potenzjal tal-istrumenti u l-inizjattivi tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali, b'mod partikolari s-šhubijiet, u l-istrumenti intergovernattivi sabiex jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-missjonijiet Ewropej; JISTIEDEN lill-Kummissjoni twettaq dan ir-rieżami f'kooperazzjoni mill-qrib ma' partijiet ikkonċernati oħra; JISTIEDEN lill-Istati Membri jidentifikaw programmi jew inizjattivi nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluż ir-riżultati tagħhom, li jistgħu jikkontribwixxu għas-suċċess tal-missjonijiet Ewropej; JISTIEDEN lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, biex tistabbilixxi metodoloġija flessibbli li l-Istati Membri u r-reġjuni jistgħu jużaw fl-identifikazzjoni ta' tali inizjattivi jew kwalunkwe miżura oħra li tista' tikkontribwixxi għas-suċċess tal-missjonijiet Ewropej u l-koordinazzjoni tagħhom fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u dak lokali;

15. JIRRIKONOXXI r-rwol speċifiku tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-implimentazzjoni tal-missjonijiet Ewropej; JENFASIZZA li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol ewlieni fl-appoġġ ta' inizjattivi ta' dimostrazzjoni biex jiġu ttestjati soluzzjonijiet, inkluż soluzzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi, mal-utenti finali u maċ-ċittadini;
16. JINNOTA li l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) huma ekosistemi pan-Ewropej tar-riċerka u l-innovazzjoni li jiġbru flimkien diversità ta' atturi u li l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej jistgħu wkoll jikkomplementaw din id-dinamika, b'mod partikolari taħt id-dimensjoni R&I tagħhom; Għalhekk, JISTIENEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-konsistenza bejn l-ilħuq tal-obiettivi tal-missjonijiet Ewropej u l-azzjonijiet tal-EIT u tal-KKI tiegħu, kif ukoll jippromwovu l-attivitajiet imwettqa mill-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej taħt id-dimensjoni tar-R&I tagħhom;
17. JIEĦU NOTA tal-potenzjal tal-ġhodda taċ-Ċentru taż-ŻER biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-ekosistemi reġjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni, jinħolqu kundizzjonijiet qafas għall-kollaborazzjoni u jiġu interkonnessi fil-livell Ewropew;

C. Governanza tal-portafoll tal-missjonijiet

18. JENFASIZZA l-importanza ta' ġestjoni koerenti ta' proġetti u azzjonijiet iffinanzjati fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u dak lokali li jikkontribwixxu għall-obiettivi tal-missjonijiet; IFAKKAR li l-missjonijiet Ewropej għandhom jiġu implimentati permezz ta' approċċ ta' portafoll, li jikkonsisti minn grupp koerenti ta' attivitajiet; JINNOTA li l-portafoll tal-missjoni għandu jirrifletti l-katina tal-valur kollha, inkluż aspetti relatati max-Xjenzi Soċjali u Umanistiċi; Għalhekk, IFAKKAR fl-importanza tar-riċerka fundamentali fil-bini tal-portafoll, kif ukoll ir-rilevanza ta' proġetti b'potenzjal għoli ta' innovazzjoni u b'livell għoli ta' riskju, pereżempju f'setturi ewlenin u strateġiċi għall-Unjoni appoġġati mill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC);

19. JENFASIZZA l-importanza tal-ġestjoni tal-portafoll tal-missjoni, il-promozzjoni tal-flessibilità meħtieġa fl-ipprogrammar, l-implimentazzjoni, il-kompożizzjoni tal-portafoll u r-rorientazzjoni matul l-implimentazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjoni Ewropea; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tinforma regolament lill-konfigurazzjoni strateġika tal-Kumitat tal-Programm ta' Orizzont Ewropa dwar il-metodi użati fil-ġestjoni tal-portafoll tal-missjonijiet u dwar il-progress li jkun sar;
20. IFAKKAR li l-portafoll tal-missjonijiet għandu jinkludi attivitajiet iffinanzjati fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u dak lokali; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni trawwem u tippromwovi l-iskambju ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri dwar il-ġestjoni tal-portafoll tal-missjonijiet fil-livell nazzjonali u dak tal-UE; JIRRIKONOXXI l-importanza ta' attivitajiet ta' prospettiva strateġika sabiex jiġu antiċipati u kkunsidrati t-tfixkil xjentifiku, teknoloġiku u soċjopolitiku fit-twettiq tal-missjonijiet Ewropej;

III. L-involviment taċ-ċittadini

21. JAFFERMA li l-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà, ambjentali u ekonomiċi jista' jinkiseb biss permezz ta' relazzjoni msaħħa bejn it-tfassil tal-politika, ix-xjenza u s-soċjetà; JINNOTA li l-pandemija tal-COVID-19 u wħud mill-isfidi tat-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, bħat-tibdil fil-klima jew l-isfidi sottostanti għall-iżvilupp ta' teknoloġiji diġitali ewlenin, urew l-importanza li tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn ix-xjenza u s-soċjetà; JENFASIZZA l-importanza tat-tiżiħ tal-fiduċja tas-soċjetà fix-xjenza, il-promozzjoni ta' ħiliet ta' ħsieb kritiku bbażati fuq l-għarfien u l-ġlieda kontra t-tixrid tal-pseudoxjenzi u l-miżinformazzjoni; JIRRIKONOXXI li t-tiżiħ tar-rwol attiv u l-involviment taċ-ċittadini fir-riċerka u l-innovazzjoni huwa wieħed mill-mezzi biex jinkiseb dan;
22. JENFASIZZA l-involviment taċ-ċittadini fix-xjenza, peress li jippromwovi s-sensibilizzazzjoni u l-bidliet fis-soċjetà; dan huwa aktar u aktar importanti fil-kuntest tal-missjonijiet Ewropej, peress li fl-aħħar mill-aħħar għandhom l-għan li jtejbu l-ħajja taċ-ċittadini; JENFASIZZA l-importanza li jiġu involuti b'mod attiv il-gruppi sottorappreżentati;

23. IFAKKAR li għas-suċċess sħiħ tal-missjonijiet Ewropej, l-involviment taċ-ċittadini fl-UE kollha għandu jseħħ mill-ewwel stadji ta' identifikazzjoni ta' missjonijiet Ewropej speċifiċi u matul l-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tagħhom; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tistabbilixxi pjan ta' involviment pubbliku u ta' komunikazzjoni għal kull missjoni u tivvaluta l-effettività ta' tali pjanijiet fil-proċess ta' monitoraġġ, evalwazzjoni, rieżami u segwitu tal-missjonijiet Ewropej; JISTIEDEN lill-Istati Membri jippromwovu tali pjanijiet ta' involviment pubbliku u ta' komunikazzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali u jiżviluppaw, fejn xieraq u fuq bażi volontarja, pjanijiet ta' involviment pubbliku u ta' komunikazzjoni mfassla apposta; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiffaċilita b'mod attiv il-kondiviżjoni ta' prattiki tajba dwar l-involviment taċ-ċittadini f'missjonijiet Ewropej;
24. IFAKKAR li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, tar-riċerka u tat-teknoloġija jinsabu fl-interfaċċa bejn ix-xjenza u s-soċjetà u għandhom rwol attiv fit-tisħiħ tal-valuri u l-prattiki demokratiċi, fit-tnejjija tal-istudenti għal ċittadinanza attiva u involviment ċiviku u fit-tneġġiġ tad-dibattitu pubbliku b'informazzjoni bbażata fuq ix-xjenza; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw ma' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u ta' riċerka biex jaġixxu bħala faċilitaturi possibbli bejn iċ-ċittadini Ewropej u l-missjonijiet Ewropej fejn xieraq, sabiex jinkoraġġixxu l-bidla fis-soċjetà;

IV. Monitoraġġ, rieżami u evalwazzjoni tal-missjonijiet Ewropej

25. IFAKKAR li valutazzjoni tal-ewwel missjonijiet Ewropej u r-rieżami taż-żoni tal-missjonijiet Ewropej għandha titwettaq mill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023 u qabel l-adozzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni dwar il-ħolqien ta' missjonijiet ġodda jew it-tkomplija, it-terminazzjoni jew id-direzzjoni mill-ġdid ta' missjonijiet Ewropej li jkunu għaddejnin; JIRRAKKOMANDA li ma jitnedew l-ebda missjonijiet ġodda fi ħdan iż-żoni ta' missjonijiet eżistenti u li l-ebda żona ġdida ta' missjoni ma tiġi proposta sakemm il-missjonijiet attwali jkunu ġew iġvalutati b'mod pożittiv; JISTIEDEN lill-Kummissjoni, minħabba d-dimensjoni transsettorjali tal-missjonijiet Ewropej u l-impatt tagħhom fuq l-allinjament tal-politiki nazzjonali lil hinn mir-riċerka u l-innovazzjoni, biex tinforma lill-Kunsill dwar kwalunkwe żvilupp futur fir-relazzjonijiet mal-missjonijiet Ewropej;

26. JENFASIZZA li l-missjonijiet Ewropej għandhom jibbenefikaw minn sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni trasparenti, reattiva għall-ġeneru u robusta bbażata fuq l-oġettivi ta' kull missjoni Ewropea biex tiġi riflessa d-dimensjoni sistemika u dinamika tagħha;
27. JISSOTTOLINJA li din is-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għandha tippermetti wkoll valutazzjoni perjodika tal-progress li jkun sar fir-rigward tal-istadji importanti u l-oġettivi tad-diversi proġetti u attivitajiet li jikkontribwixxu għall-missjonijiet Ewropej, sabiex jiġi żgurat li tkun fit-triq it-tajba u li l-oġettivi stabbiliti jintlaħqu;
28. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġiji u proċessi għall-monitoraġġ u l-analiżi tal-missjonijiet Ewropej ibbażati, fost l-oħrajn, fuq l-għarfien espert eżistenti, b'indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin kwantitattivi u kwalitattivi speċifiċi adattati għall-ispeċifità tal-approċċ orjentat lejn il-missjoni, inkluż in-natura sistemika tiegħu, u biex tinforma lill-Kunsill b'dan; JENFASIZZA l-potenzjal tal-użu ta' metodoloġiji innovattivi, bħal daww żviluppanti fil-kuntest tal-Indiċi tal-Ħajja Aħjar tal-OECD jew id-Dashboard għall-Monitoraġġ tal-Patt Ekoloġiku; JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-valutazzjoni tal-impatt tal-missjonijiet Ewropej;
29. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippreżenta lill-Kunsill miżuri biex jistimulaw u jsaħħu l-għarfien żviluppat fil-qafas tal-missjonijiet Ewropej fl-Ewropa, sabiex jiġi żgurat li l-pajjiżi kollha fl-Ewropa jkunu jistgħu jibbenefikaw mir-riżultati.